**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 30 – L-ERBGĦA 26 TA' OTTUBRU 2011

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. IL-KUNSIDERAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti nqraw u wara li kienu approvati ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sur Jeremy Anthony Dalli, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa ġiet approvata fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata minn Dr Marc Sant.

## 2 IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU

2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill dwar is-sottomisjoni li huwa ressaq quddiem it-Transport Malta bid-deċiżjoni tal-Kunsill biex isiru tibdiliet fis-sinjali u d-direzzjoni tat-traffiku kif approvat fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, ikkonferma li l-korrezjoni fis-sinjali tat-traffiku fil-qalba tar-raħal mitluba mill-ufficjali tat-Transport Malta wara spezzjoni f'din iż-żona, kienu tlestew biex ikun aċċertat li t-Transport Malta tkompli tmexxi biex tiddeciedi fuq it-talbiet imressqa mill-Kunsill sabiex dawn jiġu attwati malajr kemm jista' jkun.

## 3. IL-PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – IT-TOROQ

3.1 Il-Kunsill għal darb'oħra reġa' ddiskuta l-problema tad-dewmien esaġerat biex ix-xogħol fi Triq Annibale Preca jitkompla malajr kemm jista' jkun.

3.2 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, tkellem dwar il-ħlas li l-Kunsill kien għadda lill-Polidano Brothers Ltd. fi 12 ta' Ottubru 2011 wara li tlestiet l-ewwel parti tat-Triq Annibale Preca.

3.3 Huwa semma diversi lmenti li kien qed jirċievi mingħand ir-residenti minħabba id-dewmien li qed ikun hemm biex dan ix-xogħol jibda b'mod aktar serju u jispiċċa malajar kemm jista' jkun.

3.4 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, poġġa quddiem il-Kunsill il-ftehim bejn il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija u Polidano Brothers li kien ukoll approvat bi qbil unanimu mill-Kunsilliera qabel ma gie effetwat.

3.5 Dan il-ftehim kien qed jorbot biex il-kuntrattur ilesti x-xogħol f'din it-Triq fi żmien 21 ġurnata mid-data tat-12 ta' Ottubru 2011.

3.6 Il-Perit John Rizzo Naudi, Contract Manager fuq dan il-proġett, spjega li għalkemm kien hemm diversi problemi mhux previsti waqt dan ix-xogħol, b'mod specjali fir-rigward tat-tibdil tal-mains tal-ilma, il-Kuntrattur kien abbanduna x-xogħol għal żmien esaġerat.

3.7 Il-Contract Manager qal ukoll li l-Kuntrattur baqa' jinjora l-insistenza tiegħu biex ix-xogħol jitkompla mingħajr aktar dewmien.

3.8 Il-Perit John Rizzo Naudi qal ukoll li l-Kusill, permezz tal-ftehim iffirmat fit-12 ta' Ottubru 2011, kien qed jagħti żmien tajjeb biex il-kuntrattur ilesti x-xogħol qabel ma jibda jeħel aktar penali kif previst fil-kuntratt tax-xogħol.

3.9 Il-Kunsill ma qabilx li għandu jinforma lir-residenti bid-data ta' meta l-Kuntrattur qal li ser ilesti x-xogħol għar-raġuni li dan qatt ma żamm dawn id-dati fil-passat.

**CLAIM – FENECH IRONMONGER**

3.10 Il-Kunsill approva l-ħlas għad-danni mitluba minn Fnech Ironmonger għar-raġuni li dan sofra nuqqas ta' xogħol meta Triq Annibale Preca kienet magħluqa għal ġimgħat sħaħ matul il-gurnata u bħala rizultat l-aċċess għat-triq fejn hemm il-ħanut tiegħu kien imblukkat.

3.11 Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba fuq proposta tal-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-Kunsill unanimament approva l-ħlas ta' €500 kull xhar għal perjodu ta' tliet xhur bħala kumpens ta' xogħol mitluf minn Fenech Ironmonger. Dan il-hlas ghandu jitnaqqas mill-kont dovut lill Kuntrattur bhala penali.

## 4. ATTIVITÀ KULTURALI

### - The Agricultral Heritage Meusum

4.1 Il-Kunsill unanimament approva biex tinżamm ħarġa kulturali nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru 2011.

4.2 Ir-Residenti li ser jattendu għal din l-attività ġewwa Għajn Tuffieha, ser jittieħdu biex jaraw il-mużew tal-agrikultura li ser ikun imexxi minn gwida biex tagħti tagħrif dwar l-istorja tal-agrikultura f'Malta.

4.3 Wara r-residenti ser iżuru s-serrer tal-*Jardin Land* li huma fil-viċinanzi tal-mużew.

### - Attività Sportiva

4.4 Il-Kunsill unanimament approva s-somma ta' €400 bħala spejjeż tat-transport biex bil-kollaborazzjoni tal-Lija Athletics Football Club, jinżammu attivitajiet sportivi għar-residenti tal-Lokalità.

- **Prespeju Ħaj**

4.5 Il-Kunsill unanimament approva s-somma ta' €700 biex tkopri l-ispejjeż sabiex bil-kollaborazzjoni tas-Socjetà Sant'Andrija tinżamm l-esebizzjoni tal-Presepju Ħaj fi Triq Sant'Andrija matul il-ġranet tal-Milied.

- **Tiżjin tal-Milied**

4.6 Il-Kunsill unanimament approva s-somma ta' €900 biex tkompri l-ispejjeż sabiex Pjazza u Vjal Trasfigurazzjoni kif ukoll parti minn Triq il-Kbira jiġu armati bid-dwal u t-tiżjin bill-kollaborazzjoni tal-Għaqda Festi Esterni ta' Ħal Lija.

4.7 Il-Kunsill approva wkoll li jitħallsu l-ispejjeż tal-meter tad-dawl applilkazjoni u konsum, kif ukoll il-kiri ta' hi-up biex isir dan ix-xogħol.

4.8 Il-Kunsill approva wkoll il-ħlas ta' premijiet biex l-Għaqda torganizza konkors għall-isbaħ prespeju jew tieqa mżejna bil-bambin fi żmien il-Milied.

- **Kunċert tal-Milied**

4.9 Il-Kunsill unanimament approva s-somma ta' €700 biex tkopri l-ispejjeż sabiex bil-kollaborazzjoni tas-Socjeta' Filarmonika San Pio X jinżamm programm tal-Milied nhar is-Sibt 3 ta' Diċembru ġewwa s-sala Villa Lija.

- **Tqassim ta' Rigali fi Zmien il-Milied**

4.10 Il-Kunsill unanimament approva biex għal darb'oħra jerġa' jorganizza t-tqassim tar-rigali minn persuna liebes ta' Father Christmas lit-tfal tal-lokalita'.

4.11 Ir-Residenti għandhom jiġu nfurmati b'din l-attivita', li ser tinżamm nhar l-Erbgħa 21 ta' Diċembru 2011, biex jġibu r-rigali li jkunu jixtiequ jqassmu lit-tfal tagħhom permezz ta' Father Christmass.

## 5. SKEMA TA’ FINANZJAMENT GHAL TITJIB FIL-PLAYING FIELDS EŻISTENTI – MEMO 66/2011

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill li kien issottometta l-applikazzjoni sabiex isir tisbiħ tal-bandli antiki li hemm fil-playing field tal-Mirakli.

5.2 Applikazzjoni oħra taħt l-istess fond huwa t-tisbiħ taċ-Ċentru Rekreattiv permezz ta’ tibdil ta’ bankijiet u lanterni ornamentali f’dan il-ġnien.

5.3 L-Applikazzjoni tinkludi wkoll it-titjib fis-sistema tad-dwal, il-*wire fence*, u l-pitch fejn tintlagħab il-logħba tal-boċċi.

## 6. SKEMA TA’ FINANZJAMENT TA’ PROĠETTI SPEĊJALI F’LOKJALITAJIET ZGĦAR – MEMO 63/2011

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill li kienu sottomessi żewg progetti taħt din l-iskema ta’ finanzjament.

6.2 Proġett A – Titjib ta’ Paviment fi Triq Vjal Trasfigurazzjoni, fi Sqaq Numru 1 Preziosi Street u fi Sqaq Numru 6 Triq il-Forn. Id-dettalji ta’ dan il-proġett fir-rigward ta' estimi nħaddmu mill-Perit John Rizzo Naudi.

6.3 Porġett B – Titjib tal-Playing Field fiż-żona tal-Mirakli u titjib fil-Playing Field taċ-Ċentru Rekreattiv.

## 7. TRASPORT PUBBLIKU

7.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, ġibed l-attenzjoni dwar diversi lmenti li kien qed jirċievi mingħand ir-residenti minħabba li twaqqfet ir-rotta numru 43.

7.2 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, qal li skont l-aħħar informazzjoni li kellu wara diversi laqgħat li huwa għamel ma’ uffiċjali tat-transport publiku, il-lokalità ta’ Ħal Lija ser jerġa’ jkollha servizz dirett lejn il-Belt b’mod regolari.

## 8. IL-LAQGĦA

10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m.

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru 2011 fil-5.00 p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Alfred Buhagiar |
| Is-Sindku | Is-Segretarju Eżekuttiv |